MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Numru. 89/2007

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
John Sullivan, iben Lawrence, imwieled tas-Sliema fit-30 ta’ Jannar, 1946, Karta ta’ l-Identita numru 126946(M)
u
Angelo Zahra, iben Joseph, imwieled Ħamrun fid-29 ta’ Awwissu, 1949, Karta ta’ l-Identita numru 751849(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli f’Novembru, 2006 u fix-xhur immedjatament preċedenti f’dawn il-Gżejjer, b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama' jew biża dwar ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta' aktar minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Joseph Bugeja;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approprjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-dannu ta' Joseph Bugeja.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Novembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta' **John Sullivan**:
a. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikkoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta' **Angelo Zahra**:
a. fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikkoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2007 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ż-żewġ imputati kienu firmatari tas-soċjeta' Sullivan Seawaves Ltd.

Illi fit-23 ta' Awwissu, l-imputat John Sullivan kien avviċina lil Joseph Bugeja u staqsieh jekk kienx interessat fil-bejgħ ta' 2,300 kilo lampuki li kellhom jiġu esportati l-Italja. Joseph Bugeja avviċina l-pitkat tiegħu Ernest Galea li min-naħa tiegħu ra li dan in-negozju seta' jsir.

Illi intlaħaq ftehim bejn Joseph Bugeja u John Sullivan għal bejgħ ta' kwantita ta' lampuki għal prezz ta' Lm2,300. Dan il-ħut ġie esportat regolarment fit-23 ta' Awwissu, 2006.

Illi l-ftehim li ntaħaq għal pagament ta' dan il-ħut kien li John Sullivan ikkonsenja cheque pagabbli lill-'Director of Fisheries' lil Joseph Bugeja. Dan ic-cheque kellu d-data ta' emissjoni tas-26 ta'Awwissu, 2006, proprju għaliex l-imputat John Sullivan kien qal lil Joseph Bugeja biex jistenna jumejn qabel ma jiddepositah il-bank. L-intiza kienet li s-soċjeta' hawn fuq imsemmija fil-frattemp kellha tirċievi l-pagament mis-soċjeta' importarriċi.

Illi fil-fatt, l-importatur qatt ma ħallas lis-soċjeta' msemmija u l-imputat John Sullivan kien qed igħid lil Joseph Bugeja biex ikollu paċjenza sakemm il-flus jidħlu. Fil-fatt kien sar ftehim biex il-ħut jitħallas minn John Sullivan f'ottubru, 2006.

Illi ċ-'cheque' in kwistjoni ġie depozitat il-bank fis-26 ta' Ottubru, 2006 ġie 'referred to drawer' għaliex ma kienx fondi biżżejjed biex ikopru dan l-ammont.

Illi jirrizulta li f'jannar tas-sena 2007 dan id-debitu ġie saldat minn John Sullivan u għalhekk Joseph Bugeja tħallas ta' dan il-ħut.

Illi mill-provi prodotti fl-ewwel lok, l-imputat Angelo Zahra ma kellu xejn x'jaqsam f'din l-operazzjoni. L-unika ħaġa li għamel hu li ffirma ċ-'cheque'.

Illi min imkien ma jirrizulta li l-imputati kellu xi pjan kriminuż biex japprofittaw minn Joseph Bugeja.  Ma kinitx l-ewwel darba li għamlu negozju flimkien u għalhekk hu ċar li din kienet operazzjoni kummerċjali li ma marritx kif supost.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------